

Brussell, 11 ta' Ġunju 2021
(OR. fr)

8455/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0080 (NLE)

AVIATION 109
RELEX 387
OC 23
TU 6
MED 11

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju
dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija dwar Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalur tal-Ftehim fil-11 ta' Diċembru 2017.
- (2) L-iffirmar tal-Ftehim fisem l-Unjoni ma jaffettwax il-qasma tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża fejn tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata internament mill-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokument ST 7745/21.